**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 23 ta' Marzu 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Michael Ellul**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Micheal Ellul detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 303084(M)

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu 2017, ghal habta ta' bejn 00:00 hrs u 08:00hrs, gewwa A.A.K. Grech Bros Ltd., Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara u/jew bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq aggravat ta' 'Einhell' wall sander u 'Black & Decker' welding set u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Adrian Grech u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat kemm bil-'valur', li mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u kif ukoll bil 'hin'.

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli, jew immobbli ghad-detriment ta' Adrian Grech u/jew persuni ohra, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix 23.29 euro.

Ukoll talli nhar l-4 ta' Marzu 2017 f' xi hin bejn 01:00 u 07:45 ta' filghodu, gewwa 'The Edge Turkish and Pizzeria', gewwa Triq Guze Duca, Qormi;

3. Ikkommetta serq ta' flus kontanti kif ukoll prodotti ta' xorb ghad-detriment ta' Stephen Bartolo u/jew persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat kemm bil-'valur', li mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u kif ukoll bil-'hin'.

4. Ikkommetta l-imsemmija reati waqt-il perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti ta' Magistrati Malta liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra, mnaqqsa jew mibdula.

5. Irrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 t' April, 2017 (esebit a fol. 20 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza ta' nhar 9 ta' Marzu, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

l

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa hallas lura l-ammonti kollha nvoluti bhala res furtiva u hsarat lill-vittmi koncernati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261, 263, 267, 270, 325, 28A sa 28H, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' ta' erba' (4) snin millum.

Fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali il-Qorti qed titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Magistrat Dr. Marseanne Farrugia fit-18 ta' Lulju 2014 permezz ta' liema sentenza huwa gie kkundannat erbatax (14) –il xahar prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin, billi tordna li l-perjodu operattiv ta' erba' (4) snin jerga' jibda jiddekorri mill-gdid millum stess.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u taht id-direzzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Maryrose Farrugia.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**